MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Numru. 548/1995

**Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**vs**
**Stephen Bonsfield**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Bonsfield ta’ 26 sena bin Harold u Tessie xebba Meranci, mwieled u residenti Flat 6, Binja l-Ghenieq, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 42069(M) u numru tat-telefown 416033 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-2 ta’ Settembru, 1995, ghall-habta ta’ 10.30am fil-Mid-Med Branch, tal-Gzira

1) Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

2) Qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti u dagha

3) Hebb ghall-Raymond Brockdorff sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara w' aktar

4) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Raymond Brockdorf f'perikolu car kkaguna debbolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh skond ma ccertifikat Dr. Maurreen Caruana Montalto tad-Dipartiment tas-Sahha, il-Belt Valletta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li minbarra li tinflingi l-piena stabbilita skond il-ligi lill-hati b'obligazzjoni tieghu nnifsu sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor u cioe' ta' Raymond Brogdorf jew sabiex jinzamm il-bon ordni publiku taht penali ta' somma ta' flus li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-12 ta' Lulju 1999 (inserita a fol. 134 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

Fl-Artikoli 214, 215, 216, 218, 338(dd), 338(bb), 342, 339(d)(e), 17, 20, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju 1999 l-imputat iddikjara li li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede infrerjuri) tas-27 ta' April 2006 fejn giet annullata s-sentenza moghtijia minn din il-Qorti kif diversament presjeduta u fejn l-istess Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti lil din il-Qorti sabiex l-appellant jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Rat li wara li l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti kif diversament presjeduta l-istess Qorti astjeniet milli tkompli

tisma’ l-kaz permezz ta’ digriet tas-17 ta’ Ottubru 2011 ghaliex kienet diga’ esprimiet ruhha dwar il-kaz fejn imbaghad permezz ta’ surroga datata 2 ta’ Dicembu 2011 il-Prim Imhallef assenja l-kaz lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat l-atti kollha processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Matul is-sajf tal-1995 l-imputat kien mar fil-fergha tal-Mid Med Bank gewwa l-Gzira sabiex jindaga dwar kif seta’ jissellef ammont ta’ flus mill-bank u kien qdieh il-parti civili Raymond Brockdorff li kien impjegat tal-bank. L-imputat rega’ mar f’okkazzjoni ohra fejn wara li qies kollox iddecieda li ma jiehux il-loan li kien qed jistaqsi dwarha ghaliex kien ser iselfu l-flus li kellu bzonn missieru. L-imputat kellu kont mal-istess bank u xi jiem wara li huwa mar il-bank it-tieni darba sab li kienu tnaqsulu Lm5 mill-kont tieghu. Huwa ghalhekk rega’ mar il-bank akkompanjat minn missieru sabiex jindaga x’kienu dawn il-Lm5 li tnaqsulu u staqsa sabiex ikellem lil parti civili. Dan tal-ahhar spjegalu li l-Lm5 kienu ttiiehdu mill-kont tieghu bhala hlas talli l-imputat ha parir dwar il-loan. Meta Raymond Brockdorff baqa’ jinsisti li dan il-bank charge kien dovut u l-imputat beda’ jargumenta li ma kienx inqalghet glieda bejnithom fejn l-imputat agredixxa fizikament lil Brockdorff u mbaghad gie mwaqqaf minn terzi persuni.

Raymond Brockdorff li xehed f’dawn il-proceduri f’zewg okkazzjonijiet[1] qal li huwa jahdem il-Mid Med Bank fil-Gzira Branch, u li fit-2 ta’ Settembru 1995 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghodu, l-imputat kien gie jistaqsi ghalih minhabba illi huwa kien iffirma ‘voucher’ fejn awtorizza li l-bank jiddebita hames Liri (Lm5) ‘charges’ mill-account ta’

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 21 sa 23 u a fol. 186 sa 196 tal-atti processwali.

Bonsfield ghal xoghol illi l-bank kien ha dwar applikazzjoni ta’ ‘loan’ tieghu, liema ‘loan’ ‘mbaghad iddecieda li ma jiehux. Waqt illi Brockdorff kien qed jispjegalu r-raguni ghaliex inqatghu l-hames Liri (Lm5) ‘bank charges’ *‘u konna xi pied u nofs l’ boghod minn xulxin, tani daqqa ta’ ponn, wahda sew, laqatni fuq imniehri u ‘the right eye’ u nassumi halqi wkoll ghax id-daqqa ta’ ponn kienet minn isfel ghal fuq. U imbaghad dahal warajja fl-‘area’ li mhix accessibli ghall-pubbliku u baqa’ jtini daqqiet ta’ ponn jigifieri mhux wahda. Imbaghad spiccajt waqajt mal-art, beda’ jtini wkoll bis-sieq mal-art u anke bil-ponn meta kont mal-art, sakemm gew tnejn mill-‘staff’ tieghi u rnexxielhom iferrquh.’* (Ara xhieda a fol 22). Is-Sur Brockdorff xehed illi imbaghad ittiehed il-‘polyclinic’ il-Gzira, fejn gie ezaminat minn tobba u mid-dentista Maureen Caruana Montalto. Raymond Brockdorff qal illi avolja l-imputat deher illi kien pjuttost aggressiv meta hu kien qed jispjegalu r-raguni ghaliex inqatghu l-‘bank charges, ***‘izda jien xorta ma bzajtx minnu u komplejt nispjegalu illi tax-xoghol li ghamilna kellna nithallsu (Ibid)…L-imputat ma qalx kliem ta’ theddid fil-konfront tieghi semplicement, f’daqqa wahda, waqt li kont qed inkellmu tani daqqa ta’ ponn. Meta kont mal-art qed itini bil-ponn, l-imputat qalli ‘ma tahsibx li ser tispicca hawn din il-bicca xoghol?”(ara fol 23)*”**. Meta rega’ xehed fl-20 ta’ Mejju 2004 huwa qal li kien nefaq Lm2000 fi spejjes medici ghand id-dentist u spjega li wara l-incident kellu concussion u mar ghand specjalista fejn ghamel diversi scans u baqa’ jbaghti bl-ugiegh ta’ rasijiet u kien ikollu wkoll ugiegh fil-hanek. Brockdorff spjega wkoll li huwa kien ghamel xahrejn fuq injury leave wara l-incident in dizamina u t-trattament li ghamel fi snienu dam madwar sena. Dwar l-incident per se huwa din id-darba qal li ma kienx hemm ebda diskussjoni bejnu u bejn l-imputat izda li dan tal-ahhar xejjirlu l-voucher u staqsih jekk il-firma fuqu kinitx tieghu u mbaghad tah daqqa ta’ ponn u kompla jaghtih minghajr ma tah cans jispjegalu ghaliex kienu tnaqsu l-Lm5 mill-kont tieghu.

A fol 24 tal-process, Mario Gauci, ufficjal tal-istess Mid Med Bank tal-Gzira Branch, ikkonferma x-xhieda ta’ Raymond Brockdorff, u cioe’ li kien hemm Raymond

Brockdorff mal-‘counter’ jaqdi lin-nies, dahal l-imputat u sejjahlu: *‘sussegwentement smajt xi kliem hazin u hsejjes mal-‘counter’ u meta harist f’dik id-direzzjoni, rajt lill-imputat jaghti lil Brockdorff…jien smajt dagha wkoll, jien smajt lill-imputat jghid kliem hazin u jidghi.’* Kathleen Spiteri, a fol 26, tikkonferma li hija wkoll kienet ufficjal tal-Mid Med Bank tal-Gzira Branch u kienet xoghol dakinhar tal-incident. Ikkonfermat li kienet hi li sejhet lill-‘assistant manager’ Raymond Brockdorff minhabba li kien hemm l-imputat qed jistennih. Kathleen Spiteri xehdet illi rat lil Raymond Brockdorff ikellem lill-imputat ghax kienet hdejh, semghat lil Brockdorff jispjega punti ta’ procedura lill-imputat, ikkonfermat li l-imputat beda jirrabja dwar il-hlas tal-‘bank charges’, sussegwentement *jien rajt lill-imputat jidhol hdejn Ray Brockdorff wara l-‘counter’, tah daqqa ta’ ponn f’wiccu u tefghu mal-art’,* u dak il-hin nizlet tigri tghajjat lis-‘security’. Hija ma semghatx kliem hazin u dagha. Vanessa Lawrence qalet li rat lill-imputat jaghti daqqa ta’ ponn f’wicc Raymond Brockdorff u lil Raymond Brockdorff jaqa’ mal-art, rat lill-imputat jidhol wara l-‘counter’ u jaghti bis-sieq lil Raymond Brockdorff li kien ghadu mal-art (ara fol 29 u 30).Semghat ukoll lill-imputat jghid lil Raymond Brockdorff jghid ‘*tahsibx li se tieqaf hawn*.’ Beatrice Brockdorff, a fol 41, gharrfet ir-ritratti ta’ zewgha u kkonfermat il-feriti li kellu dakinhar(ara fol 41 u 42). Christopher Curmi, a fol 43, il-‘cashier’ tal-istess Mid Med Bank, ikkonferma li huwa sema’ xi ghajjat fil-bank u mar jara x’gara u ra lil Brockdorff bid-demm ma’ halqu ‘*jien rajt lill-imputat hiereg ‘l barra u hu u hiereg lil Brockdorff qallu ‘ma spiccatx hawn*.’ “Raymond Bartolo, a fol 48, ukoll ufficjal tal-bank Mid Med Bank Gzira Branch, ikkonferma a fol 48 sa 50 illi huwa sema’ xi ghajjat u kliem ‘daqsxejn baxx’, harsu ‘l fuq u raw lill-imputat Bonsfield jaghti daqqa ta’ ponn lil Mr Brockdorff…:**‘***dahal jigri warajh u anke tah daqqa ta’ sieq u daqqa ta’ ponn ohra,’* u imbaghad pruvaw jaqilghu lil Bonsfield minn fuq l-imputat.

L-imputat xehed waqt l-udjenza tal-25 ta’ Mejju 2000 fejn qal li kien mar jissellef xi flus mill-bank de quo, u kellu xi jghid mall-kwerelant. Xehed li kif kien mimli trab wara x-xoghol mar ikellem lill-imputat, u l-imputat fehem li l-kwerelant Brockdorff ‘ma hax grazzja mieghi bl-imsielet u

bil-lehja u kkonferma li huwa xtaq jissellef Lm3000 mill-Mid Med Bank ha jixtri dghajsa. Ikkonferma wkoll li huwa kien diga' ssellef xi erbat elef u hames mitt Lira (Lm4500) minghand l-istess bank u kien ghad fadallu jaghti biss xi erba' mitt Lira (Lm400), u l-kwerelant irrifjuta t-talba ghal 'loan'. L-imputat xehed, a fol 144, illi huwa kellem lil missieru u li dan tal-ahhar kien lest li jaghmillu tajjeb u ghaldaqstant, regghu rritornaw il-bank it-tnejn li huma. Illi fil-fatt huma kienu marru xi darbtejn il-bank u sussegwentement, missier l-imputat kien iddecieda li jaqbad u jsellifhomlu huwa. Xi erbat ijiem wara, l-imputat gie nfurmat mill-bank illi l-istess bank kien naqqaslu hames Liri (Lm5) mill-kont tieghu bhala 'bank charges', u ghaldaqstant huwa ddecieda li jerga' jmur il-bank halli jistaqsi dwar din l-ircevuta, sab lill-kwerelant Brockdorff u mar isib lill-kwerelant:
'*dan speci approfitta ruhu ghax speci l-ewwel ser niehdu mbaghad mhux ser niehu, u speci jaf li ghandi l-flus hemm u qabad u ha Lm5 minghajr ma qalli xejn, u sakemm qed nitkellmu hekk id-diskors beda jishon, hu beda' jghid kelma u jien nghid ohra, dan taf inti l-bank ohxon hekk u l-bieba titla' hekk, dan hareg minn wara l-bieba u gie vicin tieghi, qisu ha jbusni bil-Malti, daqshekk 'l boghod jigifieri gie mieghi, u hu ttawwal minni, qalli 'mela x' naghmel', u dan paroli hekk, u qedtlu 'kieku stess taqbad u tiehu', qalli 'mela x' naghmel naqbad u niehu ghax la flusek qeghdin hawn naqbad u niehu, u naghmel li rrid', qedtlu 'x'taghmel', qalli 'naqbad u niehu hekk', u dak il-hin imbuttajtu minn wiccu u waqa' mal-art.'* L-imputat innega li tah daqqa ta' ponn u baqa' jsostni li huwa mbuttah biss u li zammu missieru, anzi jghid li mhux veru li huwa dahal ghalih izda kien Brockdorff li hareg ghalih, '*u hareg jigifieri sfidani minn wara l-bank ghax kieku hekk mhux ser tilhqu bniedem."* Huwa rega' xehed fis-6 ta Lulju 2004 fejn rega' kkonferma dak li kien xehed precedentement wara li nqratlu x-xhieda li kien ta f'Mejju 2000 u rega' kkonferma li huwa kien imbotta lil Brockdorff minn wiccu bil-pala t'idu u qal li mbuttah bic-catt fuq imniehru.

Harold Bonsfield missier l-imputat xehed fis-6 ta' Lulju 2004 fejn qal li ibnu xtaq jissellef xi flus u li kien mar mieghu u li kienu kellmu lill-kwerelant Brockdorff li kien

infurmahom bl-imghaxijiet, u ghaldaqstant, iddecieda li jsellef il-flus huwa stess lil ibnu. Illi wara xi zmien, Harold Bonsfield ikkonferma li ibnu kien ircieva xi karta fejn il-bank kienu ccargjawh xi flus. Harold Bonsfield xehed a fol 206, illi meta marru jkellmu lill-ufficjal tal-bank halli jaraw ir-raguni ghaliex tnaqqsu l-hames Liri (Lm5) mill-account tal-imputat, kellmu lill-kwerelant Brockdorff u dan ghamel idejh ma wicc it-tifel, **'***u kelma ggib lil ohra…u f'kemm ilni nghidlek gew fl-idejn hux, dan imbuttah, waqa' fl-art u mbaghad zammejt lil dan (l-imputat), mall-ewwel zamejtu.***'** Harold Bonsfield jammetti illi l-kwerelant kellu xi demm ma' mniehru, u li hu, Harold Bonsfield, dahal bejniethom. Mistoqsi jekk l-imputat gholliex lehnu waqt dan l-incident, Harold Bonsfield irrisponda **'***le le xejn hux, ahna bdejna nirragunaw mieghu vuol diri u ridna nkunu nafu s-sodisfazzjon tal-flus li hadlu hux.'* **(ara fol 207).**"

Ikkunsidrat:

Illi Dr. Brian Flores Martin li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru 1995 ikkonferma c-certifikat minnu rilaxxjat fit-2 ta' Settembru 1995 fejn kien ra lil Raymond Brockdorff fil-Health Centre tal-Gzira u ccertifika li dan kellu griehi ta' natura hafifa fejn kellu evidenza li dan kien infarag, kellu qasma f'imniehru, brix fuq riglejh u daru u fuq in-naha t'isfel ta' sidru. Dr. Flores Martin qal li nnota li kien hemm xi daqqiet u hsara fis-snien u ghalhekk irrefera lil pazjent lid-dentista Dr. Maureen Caruana Montalto li ccertifikat li Raymond Brockdorff kien qed isofri minn difett permanenti fil-physical structure tal-anterior incisor teeth (vide Dok. C a fol. 14 tal-atti processwali). Dr. Caruana Montalto xehdet waqt l-udjenza tas-27 ta Ottubru 1995 fejn gharfet dokument C bhala certifikat taghha, u kkonfermat li l-pazjent kien sofra 'trauma' mis-snien ta' quddiem: '*it is a class one inside fracture of his two anterior teeth…class one fracture means that the enamel of the tooth was fractured and the enamel is one of the permanent physical structures of the body. He also has a laceration of the gingem, that is the gums in the upper anterior teeth region.'* Dr Caruana Montalto xehdet illi l-frattura tal-parti esterna tas-sinna, cioe' tal-'enamel' ma

tfiq qatt, u ghalhekk ikun hemm bzonn dan l-intervent tad-dentista biex jghatti din il-frattura (ara xhieda a fol 16-20).

Dr. Adrian Micallef xehed waqt l-udjenza tal-10 ta’ Gunju 1999 fejn ikkonferma c-certifikat esebit a fol 53, u kkonferma li huwa ezamina lil Ray Brockdorff li kien qed ibati minn sturdament u dardir fuq perjodu ta’ xi gimaghtejn u dan xi xahrejn wara l-incident mertu tal-akkuza. Dr Micallef ikkonferma li huwa ezaminah u rreferih ghal neurologu Dr Galea Debono, minhabba li seta’ kien hemm ‘head injuries’ u ‘post concusional syndrome’

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat effettivament agredixxa lil parti civili Raymond Brockdorff u kkagunalu griehi ta’ natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi jirrizulta wkoll li kien hemm element ta’ provokazzjoni verbali min-naha ta’ Brockdorff fejn dan tal-ahhar ghalkemm ra lill-imputat pjuttost irritat minhabba l-bank charge iddecieda li johrog minn wara l-counter u mar jargumenta mal-imputat wicc ma wicc u fis-sahna tal-argument qallu li una volta li la l-flus kienu fil-bank huwa seta’ jaqbad u jnaqqas l-ammont dovut bhala bank charge minghajr ma javzah. Dawn il-fatti jirrizultaw mhux biss mix-xhieda tal-imputat u ta’ missieru Harold Bonsfield izda anki mix-xhieda ta’ uhud mill-impjegati tal-bank li kienu xhieda okulari tal-incident fejn siltiet minn dak li xehdu jinsab riportat aktar il-fuq fil-korp ta’ din is-sentenza. Jirrizulta fil-fatt li kien hemm xhieda li qalu li l-argument bejn l-imputat u Brockdorff sehh barra mill-counter u mbaghad l-imputat dahal ghal Brockdorff wara l-counter u kien hemm xhieda ohra li qalu li l-imputat qabad u dahal wara l-counter mill-bidu u cioe’ qabad u dahal wara l-counter u agredixxa lil Brockdorff. Hemm xhieda li qalu li wara li l-imputat ta daqqa ta’ ponn lil parti civili kien ser imur jaghtih izjed daqqiet izda gie mizmum mentri hemm xhieda ohra, inkluz il-vittma nnifsu, li jghidu li l-imputat

wara li tah daqqiet f'wiccu kompla jaghtih daqqiet ta' sieq. Brockdorff li xehed darbtejn f'dawn il-proceduri biddel il-verzjoni tieghu fejn l-ewwel darba qal li sar diskors bejnu u bejn l-imputat qabel ma dan agredih u li huwa ma bezghax minnu waqt li kienu qed jiddiskutu verbalment izda fit-tieni okkazzjoni li xehed qal li ma sar ebda diskors bejnithom u l-imputat qabad u mar fuqu u xejjirlu l-voucher u tah daqqa ta' ponn.

Minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-verita' qeda' fit-triq tan-nofs bejn dak li qalu l-parti civili u shabu l-impjegati tal-bank u dak li sostnew l-imputat u missieru. Il-Qorti jidrilha li mill-provi jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat agredixxa fizikament lil Raymond Brockdorff wara argument verbali li kien hemm bejniethom dwar il-bank charges u li il-kliem u l-attegjament adoperat minn Brockdorff sabiex jiggustifika d-decizjoni tieghu li jnaqqas il-bank charges mill-kont tal-imputat u dovuti ghal parir dwar loan minghajr ma l-ewwel jinfurmah dwar dan, provokaw ulterjorment lill-imputat sabiex ihebb ghalih fizikament u jikkawzalu griehi. Il-Qorti filwaqt li tenfasizza li bl-ebda mod ma hija qed tiggustifika l-agir tal-imputat jidrilha li forsi b'daqxejn ta' attegjament anqas provokattiv da parti ta' Brockdorff, li fuq kollox kien qed jitkellem ma klijent tal-bank, seta' jigi evitat dak li effettivament gara. Il-Qorti sejra ghalhekk tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' piena.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda in-natura tal-griehi sofferti mill-parti civili din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova permezz tax-xhieda ta' Dr. Adrian Micallef u d-dentista Maureen Caruana Montalto li l-griehi sofferti mill-parti civili kienu ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali izda mhux ai termini tal-Artikolu 218.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm ksur ta' buon ordni u paci

pubblika da parti tal-imputat izda hemm kunflitt fil-provi dwar jekk effettivament l-imputat qalx kliem oxxen u ndecenti u dagha fil-pubbliku stante li hemm xhieda li jghidu li ghamel hekk filwaqt li l-istess parti leza u xhieda ohra jghidu li ma kienx hemm dan it-tip ta’ kliem. Dan il-kunflitt ghandu ovvjament jimmilita favur l-imputat u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati ta’ din l-imputazzjoni.

Ghal finjiiet ta’ piena l-Qorti kkunsdirat kemm l-element ta’ provokazzjoni verbali da parti tal-parti lesa izda kkunsidrat ukoll u b’mod partikolari d-dewmien esagerat sabiex dawn il-proceduri jigu konkluzi liema dewmien bl-ebda mod ma jista’ jigi atribwit lill-imputat u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tat-12 ta’ Lulju 1999 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216, 338(dd), 339(1)(d) u (e) u 17 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tielet(3) u tar-raba’(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta tnax(12)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ erba’ mitt Ewro (€400) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Raymond Brockdorff.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------